**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 26 ta' Frar 2020**

**Talba Nru: 21/19 CZ**

**Sofia Sciberras Narmenia**

**vs.**

**Martin Vella ghan-nom tas-socjeta' MBR Publications Limited**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attrici mressqa fit-12 ta' Frar 2019 li biha premettiet:

Illi l-konvenut inkariga lill-attrici ghall-prestazzjoni taghha permezz tal-piano, liema prestazzjoni saret fl-10 ta' Lulju 2015 waqt il-Malta Best Entrepreneur Awarad 2015.

Illi l-konvenuti naqsu milli jhallsu ghal dawn is-servizzi liema servizzi jammontaw ghal elf u hames mitt Euro (€1,500).

Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati jhallsu diversi drabi, huma baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant, l-attrici titlob bir-rispett lil dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lill-kovenuti jhallsu s-somma ta' elf u hames mitt Euro (€1,500), bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali 953/18 u b'imghaxijiet legali kollha kontra l-konvenuti li minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

It-Tribunal;

Ra l-affidavit ta' **Martin Vella**[1].

Ra wkoll il-provvediment moghti fit-30 ta' Settembmru 2019 fejn gie dikjarat li l-konvenut ma pprezentax ir-risposta tieghu filwaqt u ghalhekk ma nghatax il-fakulta' jipprezenta wara t-terminu.

Ra wkoll l-affidavit tal-**<u>attrici</u>**, li qalet li kienet inkarigata mill-konvenut sabiex iddoqq il-pjanu fl-10 ta' Lulju 2015 fl-attivita' Malta Best Entrepreneur Awards. Is-servizzi mitlub minnha l-attrici ghamlitu, izda l-konvenut baqa' ma hallasx, minkejja li fakkritu diversi drabi. Il-konvenut accetta li ghandu jhallas dan l-ammont tant li anke talab lill-attrici sabiex tibghat l-invoice u talabha d-dettalji tal-bank, hekk kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mal-affidavit tal-attrici. Ghal iktar minn darba l-konvenut qal

[1] Fol. 17

li l-accountant ha johrog ic-cheque bil-hlas, u kien hemm ukoll darba fejn qal li ha jaghmel ic-cheque hu nnifsu ghaliex l-accountant ma setax.

Illi dan kollu juri li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar is-servizz li tat l-attrici u l-hlas li kienet qed titlob ghall-istess. Il-korrispondenza esebita mill-attrici, b'weghdiet fiergha ta' hlas minn darba ghall-ohra, turi bic-car illi l-konvenut nomine kien qieghed itawwal kemm jista' u jevadi l-obbligu li jhallas.

It-Tribunal sema' anke t-trattazzjoni tal-abbli avukat difensur tal-konvenuti, li permezz taghha ma gie prezentat l-ebda punt validu ghalfejn l-attrici m'ghandhiex tithallas ghas-servizz li tat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talbiet tal-attrici u jikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attrici s-somma ta' elf u hames mitt Euro (€1,500), bl-imghax mid-data tal-kuncert, ossia l-10 ta' Lulju 2015 sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut nomine.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur